## FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002

Citazzjoni Numru: **1469/93TM**

Numru**:**

**Noel Ellul bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assuranced plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha is-socjeta' Pantar Ceramics Limited u b'nota tat-13 ta' Gunju, 1994 Dottor Joseph Zammit Mckeon assuma l-atti tal-kawza minflok Noel Ellul u b'nota tas-7 ta' April, 1999 l-Avukat Dr Joseph Zammit Mckeon bhala rapprezentant tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Pantar Ceramics Limited, assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita' teighu premessa l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.**

vs

**Joseph Apps, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited, u dawn bhala armaturi tal-vapur PINTO; u Godwin Abela, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-28 ta' Ottubru, 1993 mis-socjeta' attrici li biha ippremettiet illi s-socjeta' Pantar Ceramics Limited importat mill-Italja sittax (16) il *pallet* ta' *unglazed tiles* f'*container* Nru. SMCU220271/6 li gie trasportat mill-vapur Pinto (Dok. 1);

Ippremettiet illi l-bastiment wasal Malta fid-9 ta' Dicembru, 1992 u meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija, irrizulta li kien hemm il-hsara indikata fis-*survey report* u *schedule* ta' l-*Institute of London Underwriters* datat 23 ta' Dicembru, 1992 annes u markat Dok. 2 u kif johrog car mill-album ta' tnax-il ritratt li qed jigi esebit u mmarkat Dok. 3;

Ippremettiet illi ghal din il-hsara l-assikurazzjoni attrici hallset is-somma ta' elf seba' mija u disa' liri (LM1709) li minnhom tnejn u sittin lira (LM162) kienu *survey fees* u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. 4);

Ippremettiet illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghall-hsara;

Talbet biex ighidu l-konvenuti nomine jew min minnhom ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhomx:

1. jigu minn din il-Qorti dikjarati responsabbli ghall-hsara fuq indikata; u

2. jigu kundannati, jew min minnhom, ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' elf seba' mija u disa' liri (LM1709) li minnhom tnejn u sittin lira (LM162) kienu *survey fees* bhala danni sofferti, mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mid-data tal-pagament maghmul mill-istess attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fil-kwalita' tieghu premessa fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-merkanzija in kwistjoni kienet f'*container* Nru. SMCU 2202716/6, liema container gie ikkonsenjat bhala "*Full Container Load*" minghajr ebda rimarki skond kif huwa ampjament car mill-*Gate Pass Out* Nru. A043224 hawn anness (Dok ED1) u mill-*Joint Tally Sheet* Nru. 61208 (Dok ED2).

2. Illi fit-tieni lok, l-impurtatur nnifsu ffirma l-*Gate Pass Out* tramite rappresentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija *"in good order and condition"* bla ma ghamel jew insista ghal ebda rimarka dwar l-istess *ai termini* tas-sentenza deciza fid-19 t'Awissu, 1992, fl-ismijiet "Reginald Micallef vs James Gollcher u "Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo" (Citaz. Nru. 1103/86) Qorti ta' l-Appell, s-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli ghall-allegati hsarat.

3. Illi fit-tielet lok, il-*joint tally* sar ghal *container* biss bhala *“unit load”* u la darba merkanzija tikkonsisti f’*container*, is-socjeta’ konvenuta m’hjiex responsabbli ghal *internal contents*, *ai termini* ta’ l-Artikolu 70 *clause (3) Part V. tal-Port Regulations*.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghal premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-*cheque* li bih sar il-pagament ta’ (LM1709) lill-Pantar Ceramics Limited.

5. Illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni, stante li *si tratta* dwar kawza ta’ danni u *s-survey fees* saru proprju mis-socjeta’ attrici proprju u ma’ hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza deciza fis-6 t’April, 1992, fil-Qorti ta’ l-Appell – Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr Robert Staines u Walter Camilleri u Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86).

Rat in-Nota ta’ l-Ecccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Sea Malta Company Limited, u dawn bhala armaturi tal-vapur PINTO li eccepixxa:

In–nuqqas ta’ responsabbilta’ tas-socjeta’ konvenuta billi l-merkanzija ingarret fuq bazi *“said to contain*”;

In-nuqqas ta’ responsabbilta’ billi l-hsara bl-ebda mod ma hija attribwibbli ghall-htija, tort jew negligenza tas-socjeta’ konvenuta u fi kwalsiazi kaz grat meta l-merkanzija ma kienetx fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta;

In-nuqqas ta' responsabbilta' billi s-socjeta' konvenuta ikkonsenjat il-merkanzija fl-istat li rcevietha u ma hemm l-ebda rimarki fuq it-*tally sheets* relattivi;

Il-kwistjoni ta' responsabbilta' ghat-tenur tal-poloz tal-karigu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, s-socjeta' attrici qed tirriklama rimbors tal-flus li harget meta kkumpensat lill-assikurat taghha, id-ditta Pantar Ceramics Limited, tal-hsara li sofriet l-konsenja ta' *unglazed tiles* li importat mill-Italja f'Dicembru ta' l-1992. Din il-merkanzija giet importata f'*container* (il-merkanzija kienet, anzi, go "*full container load*") u l-maggor parti taghha kienet miksura jew *cracked*. Il-hsara kienet tammonta ghal LM1547.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-*container* in kwistjoni tghabba fuq il-vapur M.V. Pinto minghajr ma saret ebda rimarka dwaru fuq il-polza ta' karigu; il-kwantita u t-tip tal-merkanzija li giet mghobbija fil-

*container,* jirrizulta, oltre mill-polza ta' karigu, mix-xhieda ta' rappresentanza tas-socjeta' importatrici u d-dokumenti esebiti.

Jirrizulta wkoll li meta l-*container* wasal fid-*depot* tas-socjeta' importatrici, dan kellu daqqa kbira fuq il-genb, tant li, kif stqarr ix-xhud Paul Vella, ghalkemm mhux soltu jissejjah biex ikun prezenti meta jitbattal *container*, f'dan il-kaz kien imsejjah minn shabu tax-xoghol ghax kien jidher car li bid-daqqa li kellu l-*container*, id-danni se jkunu kbar. Il-hsara fil-*container* (u, konsegwentament, fil-merkanzija) qrat, allura, waqt li l-*container* kien f'idejn iz-zewg konvenuti jew wiehed minnhom. It-tnejn li huma kienu depositarji tal-*container* fi zmien differenti u t-tnejn kellhom obbligu ta' kustodja fi zmien li l-*container* kien fil-pussess taghhom.

Dwar min mill-konvenuti huwa responsabbli ghall-hsara, ma johrog car mill-atti, pero', "*on a balance of probabilities*", jidher li l-hsara grat waqt li l-*container* kien qed jinhatt minn fuq il-vapur mill-*cranes* tad-ditta Cargo Handling. Jirrizulta li l-*container* tghabba fuq il-vapur u l-polza ta' karigu ma turi ebda hsara; il-polza, fil-fatt, tindika li l-*container* tghabba "*in apparent good order and condition*". Peter Bonello xehed li darba l-*container* tnizzel minn abbord, ma ccaqlaqx. Hu ghid li importatur ghandu hames tijiem biex imur ghall-*container* u, f'dak il-perjodu, il-*container* ma jiccaqlaqx. Kwindi, huwa wisq probabbli li l-*container* ha d-daqqa waqt li dan kien qed jitnizzel minn abbord. Mid-deskrizzjoni u ndikazzjoni tad-daqqa jidher wkoll li dan habat ma' *container* iehor, probabilment waqt li kien qed jingarr ghal fuq il-moll. Peress illi r-responsabbilta' tal-vapur tasal sal-'*ships rail'*, u l-hadt issir mill-kumpanija, Cargo Handling, din il-kumpanija ghandha tigi dikjarata responsabbli ghall-akkadut.

Jigi rilevat li hawn mhux kaz ta' oggetti misruqa, izda biss danneggjati. Kwindi, ghalkemm il-polza ta' karigu tindika l-frazi *"said to contain*", dik il-klawsola mhux daqshekk rilevanti ghax mhux qed jigi allegat xi nuqqas fil-<u>kwantita'</u> tal-merkanzija. Jirrizulta li, fil-*container*, iddahlu 16-il *pallett unglazed tiles*, u meta l-*container* infetah fil-prezenza ta' ufficcjali tad-Dwana, dawn is-16-il *pallett* instabu kemm – biss, kellhom diversi hsarat. Kif inghad, il-polza ta' karigu ma tindika ebda hsara fuq il-*container*, u kif xehed Noel Ellul, is-*surveyor* tad-ditta attrici, l-*pallets* kienu ippakkjati bil-*gablo* b'mod li ma setghux jiccaqilqu fil-*container.* Minn dan isegwi li l-hsara ma gratx minhabba ippakkjar hazin, izda b'rizultat tad-daqqa li qalghet il-*container* waqt li din kienet fil-kustodja tal-vapur. Fuq kollox, anke jekk il-magazzinagg jista' jinghad li hu a riskju tal-proprjetarju, indipendentament minn din, id-ditta konvenuta mhux ezenti b'daqshekk mir-responsabbilta' civili jekk il-hsara tigri waqt li l-oggett ikun fil-kustodja taghha (ara "<u>Causon noe vs Abela et noe</u>" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Ottubru, 1998). Debitur huwa dejjem responsabbli ghall-obbligazzjonijiet minnu assenti, sakemm ma jipprovax li ma setax iwettaqhom minhabba forza maggura jew kawza estranea, b'mod li jibqa' dejjem responsabbli jekk obbligazzjoni ma tigix sodisfatta minhabba xi nuqqasijiet tieghu jew ta terzi persuni (ara <u>"Sare' vs Ellul et</u>" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Gunju, 1953, u "<u>Micallef et vs</u> <u>Abela noe et</u>" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Lulju, 1989).

Hu veru li t-*tally sheet* u l-*Gate Pass Out* jindikaw li l-*container* hareg *"in good order and condition"*, izda, f'dan il-kaz, ma rrizultax li l-

*container* gie ezaminat meta nizel minn abbord u meta hareg mill-port u, f''kull kaz, dawk id-dokumenti ma gewx konfermati min min irredegihom (ara "Bezzina Wettinger noe vs Mizzi et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru, 1985.)

Ghar-rigward tal-fatt li *container* huwa *unit load*, fil-kuntest ta' l-applikabbilita' o meno ta' l-artikolu 70 (3)  tal-Part V tal-Port Regulations jinghad li, kif gie kemm il darba deciz, din il-klawsola ma tezonarax lil Cargo  Handling mir-responsabbilta' ghall-hsarat meta l-*container* ikun taht idejha (ara "Formosa Camilleri noe vs Sea Malta Co Ltd et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Gunju, 2000 u "Zammit Mckeon noe vs Jones noe et" deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 1996).

Dwar il-*quantum* tad-danni, is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' LM1547, valur  tal-merkanzija, u LM162 ghas-*survey fees*. Is-somma ta' Lm1547 giet konfermata mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici u dik importatrici, u tirrizulta ukoll mill-fatturi esebiti, u kwindi, tirrizulta gustifikata.

It-talba ghall-hlas ta' *survey fees* ma tistax pero', tigi milqugha u dana fid-dawl tal-principju indikat fil-hames eccezzjoni ta-socjeta' konvenuta, Cargo Handling, u cioe', li dawn saru proprju mis-socjeta' attrici u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess (ara "Staines noe et vs Mifsud noe et" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April, 1992).

Rigward it-talba ghall-interessi, gie deciz li dawn jidekorru mhux mid-data tal-hlas lill-assikurat, izda minn dakinhar li d-ditta misjuba

responsabbbli ghall-hsarat tkun giet avzata bil-hlas da parti ta' l-assigurazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali avviz, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru min-notifika tac-citazzjoni (ara <u>"Staines noe et Abela noe et"</u> deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April, 1992, u <u>"Griscti noe vs Sullivan et noe"</u> deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Dicembru, 1993). F'dan il-kaz, ma jirrizultax meta s-socjeta' konvenuta giet avzata bil-pretensjoni tad-ditta attrici, u kwindi, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lis-socjeta' konvenuta Sea Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, tilqa' it-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, issibha responsabbli ghad-danni lamentati, u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lid-ditta attrici, bhala kumpens ghat-telf soffert, is-somma ta' LM1547 bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Jannar, 1994, data tan-notifika tac-citazzjoni lis-socjeta' kkundannata. Tichad l-istess talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' Sea Malta Co. Ltd.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja

**Cit. Nru 1469/93M**